MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 668/2005

**Peak Insurance Agency Limited [C 11185] u b'digriet tat-**
**Tribunal tas-7 t'April, 2005 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju fis-sens li minflok il-kliem Peak Insurance Agency**
**Limited jidhlu l-kliem Peak Insurance Brokers Limited**

**Vs**

**Ronald Gerada [274878M]**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hamsa u disghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm95.77c) rapprezentanti Polza ta' Assigurazzjoni u Taxxa tal-Boll.

Illi wara diversi nterpellanzi illi saru lill-konvenut sabiex jeffetwa l-hlas dovut minnu, l-istess konvenut baqa' nadempjenti.

Bl-ispejjez u l-interessi mid-data ta' l-invoice.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Shazoo Ghaznavi jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------